# Wied Magħlaq



**Kitba ta' Karl Agius**

## Il-Widien fil-Gżejjer Maltin

Fil-Gżejjer Maltin wieħed jista' jsib bosta widien li f'daqqa għandhom distanza ta' mhux inqas minn 362 km. F'Malta wieħed isib tliet sistemi ta' widien: dik ta' Wied il-Għasel, dik ta' Wied il-Kbir u dik ta' Wied is-Sewda. Studji li saru fuq il-widien urew li dawn jingħaqdu f'sistema waħda taħt il-baħar. Widien oħra qrib il-kosta jferrgħu l-ilma direttament fil-baħar.

Il-widien jistgħu jiġu deskritti bħala karatteristiċi tipografiċi ta' importanza ekoloġika fi ħdan l-ambjent naturali tal-Gżejjer Maltin u jirrappreżentaw qasam fundamentali tal-pajsaġġ Malti. Il-ġnub ta' dawn il-widien, li bosta drabi jkollhom forma ta' rdum, huma ta' importanza kbira għaliex fuqhom jikbru bosta speċi ta' pjanti u għasafar li hawn isibu l-kenn.

Partijiet oħra tal-widien li minnhom jgħaddi l-ilma jippermettu li jikbru speċi li huma dipendenti fuq abbundanza ta' ilma. Uħud mill-widien għandhom xi għajn tal-ilma għalkemm dawn naqsu ħafna.

## Wied Magħlaq

Wied Magħlaq jinsab 2 km 'il bogħod miċ-ċentru tar-raħal tal-Qrendi, 2 km minn Wied iż–Żurrieq u 2.6 km minn Wied Babu. Il-wied huwa twil 615 m. Il-wisgħa ta' dan il-wied ivarja u f'waqtiet huwa ridott għal metru. Iż-żona tkopri 0.0492 km$^2$.

L-eqdem referenza għal dan il-wied aktarx saret minn Ġian Franġisk Abela fl-1647 meta rrefera għal dan il-wied bħala il-*vallone del racchiudimento*. Mill-bqija dan il-wied ftit li xejn ġie studjat jew imsemmi.

Skont mappa tal-1910 il-parti ta' fuq tal-wied hija misjuba bejn żewġ żoni magħrufa bħala x-Xagħra tal-Magħlaq u l-Qasam il-Kbir, filwaqt li l-parti qrib tal-kosta tinsab bejn żewġ żoni magħrufa bħala x-Xagħra ta' Għar Lapsi u l-Magħlaq.

Wied Magħlaq huwa wied pjuttost xott li jgħaddi minnu l-ilma biss wara xita qawwija. L-ilma jaqsam minn bejn it-tliet barrieri li jiċċirkundaw il-bidu tal-wied u jispiċċa fil-baħar fid-daħla magħrufa bħala l-Magħlaq.



Mansab f'Wied Magħlaq



Depożiti Kwaternarji f'Wied il-Magħlaq

Iż-żona qrib tal-wied li minnha jinġabar l-ilma tikkonsisti minn 529,000m$^2$. 11% ta' din iż-żona tikkonsisti f'barrieri u għaldaqstant dan inaqqas l-ammont ta' ilma li jasal fl-oriġini tal-wied. L-istess barrieri kienu spiċċaw f'nofs kontroversja meta kienu saru pjani sabiex l-istess barrieri jiġu wżati bħala miżbla.

Il-ġeoloġija ta' din iż-żona u l-viċinanza tagħha hija bbażata fuq il-qawwi ta' fuq u l-qawwi ta' taħt u dan minħabba proċessi tat-tettonika. It-tarf ta' dan il-wied huwa wkoll interessanti minn aspett ġeoloġiku minħabba depożiti taż-żmien kwaternarju li jikkonsisti fi 8 m ta' materjal li jinblokka t-tarf ta' dan il-wied.

Iż-żona tal-kosta fin-nofsinhar ta' Malta hija kkaratterizzata minn bosta attivitajiet relatati mal-industrija tal-barrieri. Iż-żona ta' madwar Wied Magħlaq mhix xi eċċezzjoni u fil-fatt wieħed jista' jsib 3 barrieri abbandunati. Din l-attività mhux biss waslet biex bosta materjal bħal terrapien ntefa' fil-wied imma wassal ukoll biex il-ġnub tal-widien jiġu possibilment distabilizzati.

Dan il-wied huwa wkoll karatterizzat minn bosta kmamar mibnija aktarx b'mod illegali biex iservu ta' kenn għal bosta nassaba. Dawn il-kmamar



Orchis lactea, imħarsa bl-A. L. 311/2006.



Il-ġnub u qiegħ il-Wied



Skart mormi f'Wied Magħlaq

huma akkumpanjati minn żoni li ġew mibdula f'siti fejn jitpoġġew xbieki relatati ma' dan id-delizzju billi tneħħiet il-veġitazzjoni kollha li kienet tikber hawn. Iż-żona totali li ġiet affettwata minħabba f'hekk hija ta' mhux inqas minn 1456 m$^2$.

Fil-passat dan il-wied kien ikkundizzjonat ukoll minn bosta mogħoż u nagħaġ li kienu jittieħdu fuq il-post biex jirgħu. Dan kien konfermat minn sejba abbundanti ta' speċi bħal Berwieq (*Asphodelus aestivus*), xewk tal-mixta (*Atractylis gummifera*), Għansar tal-Ħarifa (*Scilla autumnalis*), u Basal tal-Għansar (*Urginea pancration*). Dawn il-pjanti ħafna drabi jkunu bix-xewk, valenużi jew ikollom basal taħt l-art u b'hekk jirreżistu r-ragħ. Informazzjoni miġbura mid-Dipartiment tal-agrikoltura ġewwa l-Għammieri kif ukoll ħitan tas-sejjieħ qodma preżenti fil-wied urew li fil-passat, partijiet minn dan il-wied kienu jintużaw għal prattiċi relatati mal-agrikoltura u b'hekk dan ukoll seta' wassal biex bosta żoni tal-wied ma tħallewx fil-kundizzjoni naturali tagħhom. Bosta radam, terrapien ieħor, karozzi abbandunati u kull xorta ta' skart mormi b'mod illegali jista' jinstab f'dan il-wied.

Wied Magħlaq u l-irdum tal-madwar ġew klassifikati bħala żona ta' importanza ekoloġika. L-irdum jiffurmaw parti wkoll minn Natura 2000, katina ta' siti madwar l-Ewropa li huma protetti mill-Unjoni Ewropea.

Bosta siġar u pjanti li nstabu f'dan il-wied fosthom, is-siġra tal-Ħarrub (*Ceratonia siliqua*), is-siġra taż-Żebbuġ (*Olea europea*) u s-siġra tal-Anżalor (*Crataegus monogyna*) huma protetti minn leġislazzjoni lokali.

Instabu siġar/pjanti oħra li mhumiex indiġeni (mhux minn dejjem kienu jinstabu f'Malta) u għaldaqstant dawn jistgħu jagħmlu ħsara lil pjanti oħra. Eżempju wieħed huwa l-preżenza tal-Akaċja (*Acacia saligna*).



Asplenium trichomanes, misjuba fil-Wied tal-Magħlaq

Pjanti oħra fosthom Tengħud tax-Xagħri (*Euphorbia melitensis*) u Limonju ta' Malta (*Limonium melitense*) huma protetti peress li dawn huma pjanti endemiċi, jiġifieri jinstabu f'Malta biss u mkien iżjed.

Instabet speċi wkoll rari ħafna magħrufa bħala Felċi rqiqa (*Asplenium trichomanes*). Dan kien l-ewwel darba li din l-ispeċi nstabet f'dan il-wied. Barra minn hekk din l-ispeċi kienet ilha ma tinstab f'Malta 'il fuq minn 90 sena u kien hawn min ħaseb li setgħet ġiet estinta.

176 speċi differenti nstabu f'dan il-wied jiġifieri 18% tal-flora kollha li tinstab fil-Gżejjer Maltin. Ta' min jgħid li għalkemm Malta għandna medda ta' art li tagħmel 0.1% tar-Renju Unit, xorta wieħed isib madwar 1000 speċi differenti, jiġifieri l-istess ammont differenti ta' speċi misjuba fir-Renju Unit.

40% tal-ispeċi misjuba kienu speċi li normalment jikbru f'żoni li jkunu influwenzati mill-bniedem. Dan juri li dan il-wied kien influwenzat minn bosta attivitajiet hawn fuq imsemmija.

Minn staġun għal ieħor il-veġitazzjoni tinbidel. Fl-istaġun sajfi l-Qasab (*Arundo donax*) u s-Sagħtar (*Thymbra capitata*) huma l-iżjed komuni filwaqt li fl-istaġun xitwi l-Ingliża (*Oxalis pes-caprae*) tkun l-iktar dominanti. Fl-istaġun xitwi l-ammont ta' speċi misjuba (76) kważi jirdoppja meta mqabbel ma' dak ta' pjanti misjuba fis-sajf (36).

• għal paġna 93




Mappa tal-1910